

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' April 2018 – Asia Leader International (Cambodia) vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-462/15) ⁽¹⁾

(“Dumping — Importazzjonijiet ta' roti kkunsinnati mill-Kambodja, mill-Pakistan u mill-Filippini — Estensjoni, għal dawn l-importazzjonijiet, tad-dazju antidumping definittiv stabbilit fuq l-importazzjonijiet ta' roti li joriġinaw miċ-Ċina — Regolament (UE) Nru 2015/776 — Eważjoni — Trasbord — Artikolu 13(1) u (2) u Artikolu 18(3) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 (li saru Artikolu 13(1) u (2) u Artikolu 18(3) tar-Regolament (UE) Nru 2016/1036”)

(2018/C 190/41)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Asia Leader International (Cambodia) Co. Ltd (Tai Seng SEZ, il-Kambodja) (rappreżentanti: A. Bochon, avukat, u R. MacLean, solicitor)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J.-F. Brakeland, M. França u A. Demeneix, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tal-Artikolu 1(1) u (3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/776 tat-18 ta' Mejju 2015 li jestendi d-dazju antidumping definittiv impost mir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 502/2013 fuq importazzjonijiet ta' roti li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għal fuq importazzjonijiet ta' roti kkonsenjati mill-Kambodja, mill-Pakistan u mill-Filippini, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Kambodja, mill-Pakistan u mill-Filippini kif ukoll jekk le (ĠU 2015, L 122, p. 4), sa fejn jikkonċerna lir-rikorrenti.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Asia Leader International (Cambodia) Co. Ltd hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 320, 28.9.2015.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' April 2018 – Shanxi Taigang Stainless Steel vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-675/15) ⁽¹⁾

(“Dumping — Importazzjonijiet ta' prodotti tal-azzar inossidabbli irrumblati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mit-Tajwan — Dazju antidumping definittiv — Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1429 — Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 [li sar l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament 2016/1036] — Valur normali — Għażla tal-pajjiż terz xieraq — Aġġustamenti — Artikolu 2(10)(k) tar-Regolament Nru 1225/2009 [li sar l-Artikolu 2(10)(k) tar-Regolament 2016/1036] — Kalkolu tal-marġni ta' dumping — Aġġustamenti — Artikolu 3(2)(6) u (7) tar-Regolament Nru 1225/2009 [li sar l-Artikolu 3(2)(6) u (7) tar-Regolament 2016/1036] — Preġudizzju — Rabta kawżali”)

(2018/C 190/42)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Shanxi Taigang Stainless Steel Co. Ltd (Taiyuan, iċ-Ċina) (rappreżentanti: N. Niejahr, avukat, u F. Carlin, barrister)